**Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà**

Pubblikazzjoni ta' post vakanti għall-kariga ta' Kap tal-Unità "Investigazzjonijiet u Analiżi"

(Aġent Temporanju – grad AD13)

(L-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra (Conditions of Employment of Other Servants, CEOS) tal-Unjoni Ewropea)

COM/2023/10431

**Min aħna**

Il-Kummissjoni Ewropea qed torganizza proċedura tal-għażla esterna għal aġent temporanju biex jimla l-kariga ta' Kap tal-Unità fid-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà (DĠ HR).

Id-DĠ HR għandu l-għan li jippromwovi l-eċċellenza fil-prattika tal-ġestjoni tar-riżorsi umani u fl-iżgurar tas-sigurtà interna għall-istituzzjoni kollha kemm hi.

Il-missjoni tad-Direttorat għas-Sigurtà (HR.DS) hija li jiżgura s-sigurtà tal-persunal, l-informazzjoni u l-assijiet tal-Kummissjoni.

Id-Direttorati għas-Sigurtà jkopru l-attivitajiet li ġejjin:

- Protezzjoni u operazzjonijiet.
- Investigazzjonijiet u analiżi.
- Sigurtà teknika.
- Sigurtà tal-informazzjoni u spezzjonijiet.
- Kompiti orizzontali.

Fit-twettiq tal-missjoni tiegħu, id-Direttorat għas-Sigurtà jopera skont il-Kunċett ta' Sigurtà u ta' Ġestjoni tar-Riskju tiegħu, li jinvolvi approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-sigurtà.

L-unità HR.DS.2 hija l-unità ta' Investigazzjonijiet u Analiżi tad-Direttorat għas-Sigurtà (HR.DS) primarjament ibbażata fi Brussell (xi kollegi huma bbażati fil-Lussemburgu).

HR.DS.2 tiżgura li l-persunal, l-informazzjoni u l-assijiet tal-Kummissjoni jibqgħu sikuri billi tipprevjeni, tidentifika, tanalizza u tinvestiga theddid li jirriżulta minn:

- Terroriżmu/estremiżmu;
- Spjunaġġ;
- Attakki ċibernetiċi u theddid ibridu;
- Kriminalità organizzata u mhux organizzata, u
- Individwi fissi.

L-unità tipprovdi wkoll appoġġ operazzjonali għall-intelligence dwar is-sigurtà lill-unitajiet operazzjonali l-oħra tad-Direttorat.

L-unità hija magħmula minn tliet setturi u żewġ timijiet u għandha madwar 35 membru tal-persunal.

**X'qegħdin nipproponu**

Ix-xogħol jinvolvi ħidma mill-qrib mal-unitajiet operattivi l-oħra tad-Direttorat għas-Sigurtà biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-Kummissjoni.

Il-Kap tal-Unità se jipprovdi tmexxija lit-tim u jimmaniġġja x-xogħol u l-persunal tal-unità. Huwa se jimmotiva lill-persunal, jappoġġa l-iżvilupp tagħhom u jimmaniġġja l-prestazzjoni tagħhom. Huwa se jikkomunika mal-maniġment u mal-partijiet ikkonċernati biex imexxi u jinfluwenza d-diskussjonijiet b'mod effettiv.

Il-Kap tal-Unità se jkun responsabbli għall-immaniġġjar ġenerali tal-attivitajiet u l-persunal tal-unità kif ukoll għall-ippjanar u l-baġit. Ir-responsabbiltajiet l-oħra tiegħu jinkludu:

- Jirrappreżenta l-interess tal-Kummissjoni fl-oqsma operazzjonali tal-counter-intelligence, l-investigazzjonijiet taċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu/l-estremiżmu, u jiżgura l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dawn l-oqsma (is-servizzi tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE);
- Jirrappreżenta l-Kummissjoni f'laqgħat dwar il-politika ta' sigurtà mar-rappreżentanti tal-Istati Membri u pajjiżi oħra kif ukoll istituzzjonijiet oħra tal-UE;
- Jiġbor, jivvaluta u jxerred kull informazzjoni rilevanti dwar theddid għas-sigurtà tal-Kummissjoni (persunal, informazzjoni u assijiet);
- Iwettaq analiżi tal-intelligence u investigazzjonijiet tas-sigurtà fl-oqsma tal-ispjunaġġ, it-terroriżmu/l-estremiżmu u l-kxif ta' informazzjoni klassifikata jew sensittiva;
- Jinvestiga attakki u inċidenti ċibernetiċi (permezz tal-Iskwadra ta' Rispons għall-Attakki Ċibernetiċi);
- Jagħti pariri dwar is-sigurtà mfassla apposta;
- Jimmaniġġja r-Reġistru tad-DĠ HR tal-ħżin sigur ta' informazzjoni klassifikata tal-UE u l-iżvilupp/iż-żamma ta' sistemi siguri ta' ġestjoni tad-dokumenti;
- Jipprovdi Intelligence minn Sorsi Miftuħa u appoġġ operazzjonali tal-IT permezz tat-tim ta' appoġġ operazzjonali tal-intelligence dwar is-sigurtà
- Jikkontribwixxi għall-elaborazzjoni u l-koerenza ta' politiki u gwida eżistenti/ġodda rilevanti għas-sigurtà (intelligence umana, kontromiżuri elettroniċi, ċibertheddid, theddid ibridu relatat mal-counter-intelligence, eċċ.);
- Jiżgura l-ġestjoni finanzjarja fl-unità skont ir-regoli finanzjarji tal-Kummissjoni Ewropea.

L-impjieg jeħtieġ sens għoli ta' diskrezzjoni, dmir professjonali u dedikazzjoni, peress li l-ħtiġijiet tas-servizz mhumiex limitati għas-sigħat tax-xogħol regolari. Ix-xogħol ta' kuljum jimplika xogħol taħt pressjoni u skont parametri li jinbidlu b'mod kostanti u sitwazzjonijiet li jevolvu b'mod rapidu (eż. inċidenti ta' sigurtà). L-ivvjaġġar fuq xogħol ġewwa u barra l-UE se jsir fuq bażi regolari.

**X'qegħdin infittxu (il-kriterji tal-għażla)**

Il-kandidati għandu jkollhom:

**Karatteristiċi Personali**

- Sens ta' diskrezzjoni u kapaċità li jittrattaw informazzjoni sensittiva ħafna;
- Reżiljenza u l-kapaċità ta' prestazzjoni f'ambjent bi pressjoni għolja.
- Ħiliet b'saħħithom fl-organizzazzjoni u fl-ippjanar;
- Sens qawwi ta' responsabbiltà, inizjattiva u kapaċità ta' konformità ma' sett kumpless ta' regoli u skadenzi;
- Kapaċitajiet eċċellenti analitiċi u ta' soluzzjoni tal-problemi, b'mod partikolari l-kapaċità li jidentifikaw kontinwament titjib fil-metodi ta' ħidma;
- Ħiliet lingwistiċi rilevanti għall-komunikazzjoni ma' servizzi internazzjonali oħra u istituzzjonijiet oħra kif ukoll għal kuntatti regolari mal-awtoritajiet lokali.

**Ħiliet u esperjenza speċjalizzati**

- Esperjenza solida u reċenti fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, b'mod partikolari fil-counter-intelligence, il-għlieda kontra t-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità;
- Kapaċità ppruvata li jieħdu deċiżjonijiet operazzjonali u jaħdmu b'restrizzjonijiet ta' ħin, jittrattaw sitwazzjonijiet urġenti u jivvalutaw mill-ġdid il-prijoritajiet meta jkun meħtieġ.
- Esperjenza ppruvata fit-trattament ta' kwistjonijiet sensittivi u ta' VIPs;
- Għarfien tas-sitwazzjoni u tax-xejriet tas-sigurtà globali kif ukoll ta' konsegwenzi speċifiċi fl-Ewropa;
- Fehim sod tal-isfidi ta' sigurtà involuti;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni bil-fomm u bil-miktub biex jippreżentaw il-ħidma tal-unità u tad-Direttorat għas-Sigurtà lil servizzi, istituzzjonijiet u partijiet ikkonċernati esterni oħra b'mod effettiv.

**Ħiliet ta' maniġment**

- Esperjenza maniġerjali ppruvata ta' timijiet kbar u kapaċità li jallokaw kompiti u jorganizzaw ix-xogħol b'mod effiċjenti;
- ħiliet eċċellenti ta' koordinazzjoni biex jaħdmu ma' tim kbir, u l-unitajiet operattivi l-oħra tad-Direttorat u ma' partijiet ikkonċernati oħra;
- Kapaċità li jmexxu u jimmotivaw tim multidixxiplinari u multikulturali ta' persunal kwalifikat f'ambjent sensittiv u jgħaqduhom fl-insegwiment ta' għan komuni filwaqt li joħolqu atmosfera tax-xogħol pjaċevoli;
- Kapaċità li jiddefinixxu u jiffokaw fuq il-prijoritajiet, isegwu u jevalwaw ix-xogħol biex jintlaħqu l-objettivi, f'kollaborazzjoni mal-unità u ma' timijiet maniġerjali oħra;
- Kapaċità li jirreklutaw u jimmotivaw kollegi li jikkontribwixxu bis-sħiħ biex

jintlaħqu l-objettivi tal-unità u tad-Direttorat;

– Kapaċità li jiddefinixxu l-ħtiġijiet baġitarji u jimmaniġġaw il-kuntratti/l-akkwisti kif ukoll il-baġit ta' unità;

L-elementi li ġejjin se jitqiesu bħala vantaġġi kbar:

- Esperjenza professjonali ppruvata miksuba fil-qasam tal-counter-intelligence u l-glieda kontra t-terroriżmu fil-livell maniġerjali;
- Network solidu fl-Istati Membri fil-qasam tal-counter-intelligence;
- Prova ta' esperjenza fl-analiżi tat-theddid;
- Prova ta' esperjenza f'kariga ta' ġestjoni ta' tim, li tinvolvi l-ġestjoni ta' riżorsi umani u finanzjarji.

**Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)**

Il-kandidati jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra (CEOS).

Il-kandidati jiġu kkunsidrati biss għall-fażi tal-għażla fuq il-bażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin li għandhom jiġu ssodisfati **sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet**:

- Nazzjonalità: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

- Lawrja jew diploma universitarja: il-kandidati jrid ikollhom:

  - jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' (4) snin jew aktar;

  - inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena (1) meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet (3) snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).

  Għandhom jiġu kkunsidrati biss diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri.

- Esperjenza professjonali: Fid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet stabbilita b'dan l-avviż, il-kandidati jeħtieġ juru, minbarra l-kwalifiki mitluba hawn fuq, esperjenza professjonali ta' mill-inqas 15-il sena, li jkunu kisbu wara li jkunu kisbu d-diploma meħtieġa għall-ammissjoni għall-proċedura tal-għażla[1]. Minn dawn il-15-il sena,

[1] Esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni tax-xogħol effettiva definita bħala xogħol reali u ġenwin, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. Attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati prorata, fuq il-bażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat full-time maħduma. Leave tal-maternità / leave parentali / leave għall-

mill-anqas 4 snin iridu jkunu f'karigi maniġerjali. Il-kandidati għandhom jindikaw b'mod ċar fil-curriculum vitae (1) it-titlu u r-rwol tal-karigi maniġerjali li kellhom u (2) l-għadd ta' persunal li kien jaqa' taħthom f'dawn il-karigi għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza maniġerjali.

- Lingwi: Skont il-punt (e) tal-Artikolu 12(2) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra, il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ta' waħda mil-lingwi tal-UE[2] u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-UE.

  Il-kandidat għandu jkollu ħiliet eċċellenti verbali u fil-kitba sabiex jikkomunika b'mod effiċjenti u mexxej mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni.

- Età massima: il-kandidati ma jridux ikunu laħqu l-età regolari tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tilħaq l-età ta' 66 sena (ara l-Artikolu 52 lit (a) tar-Regolamenti tal-Persunal ).

**Proċess tal-għażla**

Il-proċedura se jkollha żewġ stadji separati, wieħed wara l-ieħor:

**1. Preselezzjoni**

Bħala parti minn din il-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord tal-preselezzjoni.

Il-Bord tal-preselezzjoni huwa magħmul skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 (C(2013) 9049) dwar politiki għall-ingaġġ u l-użu ta' aġenti temporanji.

Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tal-għażla msemmija hawn fuq, u li jkunu jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni.

Għal dan l-għan, il-kandidati huma meħtieġa jipprovdu d-dokumenti li ġejjin:

**a) Curcurriculum Vitae (CV);**
**b) u ittra ta' motivazzjoni.**

Sabiex il-bord tal-preselezzjoni jkun jista' jiddeċiedi dwar l-ammissjoni tal-applikazzjonijiet, il-kandidati huma mitluba jindikaw b'mod ċar fis-CV:

- għall-istudji: id-dati tal-bidu u tat-tmiem, it-tul normali taċ-ċiklu sħiħ u t-titolu eżatt tad-diploma miksuba;
- għall-esperjenzi professjonali: id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull esperjenza u n-natura eżatta tal-karigi, l-għadd ta' persunal u d-daqs tal-baġit ġestiti.

**2. Għażla**

Wara dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervista finali ulterjuri mad-Direttur Ġenerali u r-Rapporteur maħtur

adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Dottorati (PhDs) huma assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta mhux imħallsa, iżda għal durata sa massimu ta' tliet snin, dment li d-dottorat ikun tlesta b'suċċess. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

[2] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01958R0001-20130701&qid=1408533709461&from=MT

għall-proċedura tal-għażla sabiex jiġu vvalutati u mqabbla b'mod oġġettiv u imparzjali abbażi tal-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-għarfien tal-lingwi tagħhom, kif stabbilit f'dan l-avviż. Ir-Rapporteur jiżgura t-trasparenza u l-proċess dovut matul il-proċedura kollha.

L-għażla se ssir skont il-proċeduri tal-għażla tal-Kummissjoni Ewropea (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16.12.2013 dwar il-politiki għall-ingaġġ u l-użu ta' aġenti temporanji (C(2013) 9049 final)[3].

Il-kandidati li jissejħu għal intervista finali jipparteċipaw f'valutazzjoni tal-maniġment ta' ġurnata sħiħa f'ċentru mmexxija minn konsulenti esterni. Filwaqt li jqis ir-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' valutazzjoni, huwa d-Direttur Ġenerali li jieħu d-deċiżjoni finali tal-ħatra.

***Dokumenti ta' sostenn***

Qabel l-intervista finali, il-kandidati preselezzjonati jridu jipprovdu d-dokumenti ta' sostenn uffiċjali li ġejjin li jikkonfermaw l-informazzjoni ddikjarata fis-CV u fl-ittra ta' motivazzjoni tagħhom.

- Kopja ta' dokument li juri ċ-ċittadinanza (karta tal-identità jew passaport);
- Kopja tad-diploma/i jew taċ-ċertifikat(i) tal-livell ta' edukazzjoni meħtieġ;
- Ċertifikati tal-impjieg li jagħtu prova tat-tul ta' żmien tal-esperjenza professjonali.

Dawn id-dokumenti għandhom juru b'mod ċar id-data tal-bidu u tat-tmiem u l-kontinwità ta' kull wieħed mill-perjodi ta' esperjenza professjonali li għandhom jingħaddu għal din il-proċedura tal-għażla. Għal dan l-għan, idealment il-kandidati għandhom jippreżentaw iċ-ċertifikati tal-impjieg mill-impjegaturi preċedenti tagħhom jew minn dak attwali. Fin-nuqqas ta' dan, jiġu aċċettati l-kopji tad-dokumenti li ġejjin, pereżempju: kuntratti tal-impjieg, akkumpanjati mill-ewwel u l-aħħar irċevuta tas-salarju u l-irċevuta tas-salarju tal-aħħar xahar għal kull sena intermedja fil-każ ta' kuntratt ta' aktar minn sena, ittri uffiċjali jew atti ta' ħatra, akkumpanjati mill-aħħar irċevuta tas-salarju, ir-rekords tal-impjieg, u d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa.

Il-kandidati mistiedna għall-intervista finali se jkunu meħtieġa jagħmlu dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li jiddikjaraw kull interess, li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

**Ħatra**

Il-kandidat magħżul irid ikun issodisfa kull obbligu impost mil-liġi dwar is-servizz militari, jipproduċi referenzi xierqa tal-karattru dwar l-idoneità tiegħu għall-qadi ta' dmirijietu u jkun fiżikament f'saħħtu biex jaqdi dmirijietu.

Il-kandidat magħżul għandu jkollu, jew ikun f'pożizzjoni li jikseb, ċertifikat validu ta' approvazzjoni ta' sigurtà mill-awtorità tas-sigurtà nazzjonali tiegħu. Approvazzjoni ta' sigurtà personali hija deċiżjoni amministrattiva wara investigazzjoni ta' sigurtà mwettqa mill-awtorità tas-sigurtà nazzjonali kompetenti tal-individwu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tas-sigurtà, u li tiċċertifika li individwu jkun jista' jingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata sa livell speċifikat. (Kun af li jista' jingħata bidu għall-proċedura

[3] https://commission.europa.eu/system/files/2018-07/commission-decision-temporary-agents-c-2013-9049-en.pdf

meħtieġa biex tinkiseb approvazzjoni ta' sigurtà biss wara li ssir talba mill-impjegatur, u mhux mill-kandidat individwali).

Sakemm l-approvazzjoni ta' sigurtà personali ma tkunx ingħatat mill-Istat Membru kkonċernat u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni ma tkunx kompluta bl-informazzjoni legalment meħtieġa mid-Direttorat għas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, il-kandidat ma jkunx jista' jaċċessa Informazzjoni Klassifikata tal-UE (EU Classified Information, EUCI) fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, u lanqas jattendi laqgħat li fihom tiġi diskussa tali EUCI.

## Opportunitajiet indaqs

F'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni Ewropea ssegwi objettiv strateġiku li tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-maniġment sa tmiem il-mandat attwali tagħha u tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs li tinkoraġġixxi applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku kumplessiv.

## Kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-kandidati li rnexxew jistgħu jiġu offruti kuntratt temporanju skont l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra (CEOS) tal-Unjoni Ewropea f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9049 final tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-politiki għall-ingaġġar u l-użu tal-aġenti temporanji[4].

It-tul tal-kuntratt inizjali huwa ta' erba' snin, u jista' jiġi mġedded għall-massimu ta' sentejn.

It-tul massimu tal-kuntratt iqis ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9049 finali tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar it-tul massimu ta' rikors għall-persunal mhux permanenti (seba' snin tul perjodu ta' tnax-il sena).

## POST TAL-IMPJIEG: Brussell, il-Belġju.

## LIVELL: AD13

## Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi

Qabel ma jibda jaqdi dmirijietu, il-kandidat magħżul ikun meħtieġ jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li jiddikjara kull interess, li jista' jitqies bħala li jippreġudika l-indipendenza tiegħu.

## Informazzjoni importanti għall-kandidati

Infakkru lill-kandidati li l-ħidma tal-bordijiet tal-għażla huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom u dan lanqas ma jista' jsir f'isimhom minn xi ħadd ieħor. Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

## Protezzjoni tad-*data* personali

[4] https://commission.europa.eu/system/files/2018-07/commission-decision-temporary-agents-c-2013-9049-en.pdf

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u s-sigurtà ta' tali *data*.

**Proċedura ta' applikazzjoni**

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tiċċekkja b'attenzjoni jekk tissodisfax ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà ("Kundizzjonijiet ta' ammissjoni"), b'mod partikolari rigward it-tipi ta' diploma, l-esperjenza professjonali kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà, dan ikun ifisser li tiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fis-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet dwar id-diversi stadji tal-proċedura:

https://europa.eu/!NCKMBd

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jinżamm kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant, nitolbuk iżżomm lill-Kummissjoni Ewropea informata b'kull bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, jeħtieġ li ttella' CV f'format PDF, preferibbilment fil-format tal-Europass CV[6], u timla ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu b'kull lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa fl-interess tiegħek li tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tkun preċiża, dettaljata u veritiera.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek tkun ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċevix ittra elettronika ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Innota li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattjak direttament rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

**L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta elettronika ma jiġux aċċettati.** Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, ibgħat ittra elettronika lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir biex ma tħallix għall-aħħar ftit jiem biex tapplika, billi traffiku qawwi tal-internet jew problema fil-

5 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

6 Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq l-Europass CV tiegħek online hawnhekk: https://europa.eu/europass/en/create-europass-cv

konnessjoni tal-internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiegħek tiġi tterminata qabel ma tlestiha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' ddaħħal iktar *data*. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

### Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija **t-13/06/2023, f'nofsinhar, ħin ta' Brussell**, u wara ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.